TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 25/2026**

Data: L-Erbgħa 18 ta' Marzu 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**25.1 Ittri ta' apoloġija**

25.1.1 Is-Sindku talab li is-Sur Glenn Urry, is-Sa. Nicole Farrugia u s-Sa. Anabelle Marmara jkunu skużati mil-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli kien hemm qbil li dawn jiġu niżla bħala skużati.

25.1.2 Is-Sindku talab li jkun hemm sospenzzjoni tal-Aġenda biex jiġu diskussi l-affarjiet l-iktar importanti minħabba li xi wħud mill-membri talbu li jiġu skużati kmieni u għaldaqstant sabiex jiġu approvati l-pagamenti u r-rapporti finanzjarji sakemm ikun hemm kworum. Bi qbil unanimu approva li s-Sindku jimxi skond il-prijorita' tad-diskussjoni.

**25.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 24**

25.2.1 Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Minuti tal-Laqgħa Nu 24 ġew approvati kif imresqa.

**25.3 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti Nu 21**

25.3.1 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sur Dasier Damato, ġiet approvata skeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn l-24 ta' Frar 2026 u t-18 ta' Marzu 2026, li kienet tammonta għal €50,982.21.

**25.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-rapport Finanzjarju għas-sena 2025 awditjat.**

25.4.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega r-rapport wara li kien tlesta l-awditjar. Is-segretarju semmeit li l-Kunsill għalaq is-sena wara li tlesta l-awditjar bi ftit żgħira aktar surplus minn dak li kien indikat fl-ewwel rapport peress li kien hemm madwar €5000 ta' fondi li daħlu minn skema u li minħabba żball uman mill-amministrazzjoni dawn ġew rekordjati bħala dħul mill-permessi.

25.4.2 Fuq proposta tas-Sindku, isskondata mis-Sa. Darlene Vella, kien hemm qbil unanimu li r-rapport jiġi approvat kif preżentat.

**25.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Management Reply u r-risposta mill-Kunsill rigward l-Awditjar tas-Sena 2025**

25.5.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tati spjega. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill għad għandu qualified opinion minħabba l-Joint Venture li għad hemm miftuħa fuq il-Kunsill u li kienet saret snin ilju sabiex jiġi immaniġjat il-ground 5 a-side.

25.5.2 Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sur Neil Portelli, id-dokumenti preżentati kienu approvati.

**TARXIEN**
Local Council

**25.6 Punti li joħorġu mill-Minuti**

25.6.1 Is-Sindku informa li l-intervisti mis-Sur Dasier Damato kienu diġà saru u li r-**rivista** tal-Kunsill kienet lesta. Huwa żied li r-rivista kienet ser titqassam nhar it-28 ta' Marzu.

Is-Sindku semma wkoll li r-rivista li jmiss ser titħejja wara l-festa tal-**Ġunju**.

Barra minn hekk, is-Sa. Darlene Vella ser tieħu ħsieb li ddaħħal il-lista tal-korsijiet li ser ikunu pprovduti.

25.6.2 Is-Sindku semma li, wara l-laqgħa mad-**Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi** u skont id-direzzjoni li tingħata fir-rigward tal-proġett kopert taħt il-framework agreement relatat mal-bankini fl-inħawi ta' Joanne Gardens, ix-xogħlijiet huma ppjanati li jibdew wara Ġunju 2026.

25.6.3 Is-Sindku informa li kien hemm komunikazzjoni min-naħa tiegħu sabiex **l-art ta' Joanne Gardens** issir bit-travertin. Huwa żied li din il-proposta ntlaqgħet b'mod pożittiv minn Infrastruttura Malta u li ser jibdew il-preparamenti relatati ma' dan il-proġett. Kif ukoll semma li ser ikun propost li jsir ukoll bust.

25.6.4 Is-Sindku informa li, sal-preżent, ma ġewx irrappurtati ilmenti dwar is-**servizz ta' shuttle** li qed jiġi operat bħala sostituzzjoni tas-servizz tal-linja.

25.6.5 Is-Sindku staqsa lis-Sur Neil Portelli rigward l-**unloading bay fi Triq San Anard**. Huwa ġie infurmat li l-persuna li kienet talbet l-unloading bay kienet talbet ħinijiet estiżi. Madankollu, wara li ntalbet tirrevedi dawn il-ħinijiet, ma sar l-ebda kuntatt ieħor min-naħa tagħha.

25.6.6 Is-Sindku informa li nhar l-20 ta' Marzu ser issir kommemorazzjoni organizzata mill-Korp tal-Pulizija b'tifkira tal-mewt ta' **Mark Farrugia**.

25.6.7 Is-Sindku informa li bħalissa qed jitħejja d-disinn tad-dawl għal **Ġnien Penza**. Huwa żied li, sabiex jinżamm f'armonija mal-ambjent tal-madwar, id-dawl ser ikun ta' livell baxx mill-art.

25.6.8 Is-Sindku semma li għandu jkun hemm direzzjoni u komunikazzjoni ċara fir-rigward tal-installazzjoni tal-bollards, b'mod partikolari fejn dawn jitpoġġew quddiem bibien ta' residenti jew f'kantunieri. Dan sabiex jiġi evitat li l-**bollards** jitpoġġew b'mod mhux uniformi jew bla koordinazzjoni f'diversi postijiet.

25.6.9 Is-Sindku informa li bdiet komunikazzjoni mill-Perit sabiex jibda l-ippjanar għall-proġett ġewwa Misraħ Buleben. Huwa żied li dan il-proġett, flimkien mar-rinnovazzjoni ta' Ġnien Ovindoli, huwa maħsub li jiġi ffinanzjat permezz tal-**Planning Authority Fund**.

25.6.10 Is-Sa. Darlene Vella semmiet li għadha qed tistenna l-proposta mill-**iskola tal-għawn** sabiex il-Kunsill ikun jista' jorganizza t-taħriġ.

25.6.11 Is-Sindku talab lis-Sur Dasier Damato sabiex jikkuntattja lill-organizzatur biex jivverifika jekk il-parteċipanti jistgħux iġibu r-**roti** magħhom sabiex jitħarġu fuqhom.

**25.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.7.1 Is-Sindku informa li, fuq talba anki tar-residenti, il-grawnd **5-a-side** ser jibda jinfetaħ bejn l-16:30 u d-19:00 għat-tfal Tarxiniżi. Għaldaqstant, il-bookings għall-użu bil-kirja ser isiru mis-19:00 'l quddiem.

25.7.2 Is-Sindku semma li ntbagħtet komunikazzjoni lill-awtoritajiet minħabba ilma qiegħed li qed jinżamm fi **Triq il-Knisja**, sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

25.7.3 Is-Sindku li kinet saret talba minn kuntrattur sabiex titpoġġa **vending machine** qrib l-grawnd 5-a side. Is-Segretarju semmiet li hemm process u proċedura x' wieħed isegwi qabel jikkommetti ruħu mal-kuntrattur. Il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku qabel li sakemm il-kuntrattur isegwi l-proċess kif suppost, il-Kunsill m' għandux oġezzjoni li tiġi installata vending machine.

25.7.4 Is-Sindku informa li, bħala parti mill-attivitajiet tar-**Reġjun Kulturali** Port, qed tiġi suġġerita l-organizzazzjoni ta' *Lejla Venezjana* fl-isqaqien ta' Ħal Tarxien. Ġie propost li din issir nhar is-7 ta' Novembru, bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet kollha permezz ta' stands tal-ikel, li jkunu wkoll dekorati b'mod ikkulurit.

Huwa żied li, waqt l-attività *Festa Tfal*, it-tfal ikunu jistgħu jipparteċipaw ukoll permezz ta' proġett mal-AISO Academy, li jinkludi sessjonijiet ta' mużika għat-tfal.

Is-Sindku semma wkoll proġett ieħor, *Arts in Common*, fejn ser issir installazzjoni artistika magħmula mill-ħġieġ taħt il-Kerrejja li reċentement ġiet restawrata. Huwa nnota li l-artist diġà ġie magħżul mit-tim li qed jikkoordina l-proġett tar-Reġjun Kulturali, u li ser jiġi ppreżentat sketch għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel ma' dawn il-proġetti.

**25.7.5** Is-Sindku informa li din is-sena l-Kunsill mhux ser japplika għall-proġett *Minn Pjazza għall-Pjazza*, minħabba li l-pjazza għadha mhux kompluta, kif ukoll minħabba d-diversi attivitajiet li għad iridu jsiru.

**25.7.6** Is-Sindku semma li l-Kunsill ser jissottometti applikazzjonijiet għal diversi skemi kif ġej:

- **Karnival 2027** – l-applikazzjoni ser tkun ibbażata fuq dik tas-sena 2026.
- **Attivitajiet kulturali** – ser tinkludi t-tixgħil tal-pjazza b'armar ġdid, band, kif ukoll parata bit-tfal u attivitajiet ta' kant u serati.
- **Lokalitajiet aktar nodfa** – l-applikazzjoni ser tkun ibbażata fuq applikazzjonijiet preċedenti.
- **Skema tal-Milied** – ser jiġi propost li jiżdied l-armar fl-entraturi tal-lokalità, flimkien ma' serata ta' kant u mużika.

25.7.7 Is-Sindku semma li hemm skema disponibbli għall-iżvilupp ta' ***dog parks***. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti, ġie deċiż li, għalissa, ma tiġix sottomessa applikazzjoni sakemm jiġi identifikat post adegwat, sabiex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn dan il-fond fil-futur.

25.7.8 Is-Sindku semma li taħt l-iskemi maħruġa mill-SPI hemm skema ta' **manutenzzjoni ta' progetti kapitali** li saru mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku semma li wieħed jista' jikkonsidra li jkun hemm applikazzjoni sabiex issir manutenzzjoni ta' bankini ta' ~~Sisters~~ Annunciation Street. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil dwar din l-iskema.

25.7.9 Is-Sindku semma li, wara li ntbagħtet talba għal rendikont lill-Planning Fund, il-Kunsill sa Ottubru 2025 kellu akkumulat €958,155.76, li parti minn dawn il-fondi ser jintużaw għal Misraħ Buleben u Ġnien Ovindoli.

### 24.8 Aġġornament

25.8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata fis-seba' u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 27 t' April 2026 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**